DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/812

tal-10 ta' Mejju 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' opinjoni favorevoli dwar il-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku u li tirrikonoxxi t-tlestija tal-Fażi 1 tal-Anness XVI-B ta' dak il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim") kien ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) L-Artikolu 145(1) tal-Ftehim jistipula li l-Georgia għandha tissottometti pjan direzzjonali komprensiv lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fil-Georgia bi skedi taż-żmien u miri importanti, li jrid jinkludi r-riformi kollha f'termini ta' approssimazzjoni leġiżlattiva għall-*acquis* tal-Unjoni.

(3) Skont l-Artikolu 145(2) tal-Ftehim, hija meħtieġa opinjoni favorevoli mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ sabiex il-pjan direzzjonali komprensiv isir id-dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-approssimazzjoni leġiżlattiva tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia dwar l-akkwist pubbliku għall-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku.

(4) F'konformità mal-Artikolu 146(2) tal-Ftehim, l-approssimazzjoni għall-*acquis* tal-Unjoni trid titwettaq f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XVI-B tal-Ftehim. L-implimentazzjoni ta' kull fażi trid tiġi evalwata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 408(4) tal-Ftehim, u, sussegwentement għal valutazzjoni pożittiva minn dak il-Kumitat, trid tintrabat mal-għoti reċiproku ta' aċċess għas-suq kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim.

(5) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ huwa meħtieġ jadotta deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-regoli ta' proċedura tiegħu, stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia ([3]), li tagħti opinjoni rigward il-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia kif ukoll valutazzjoni tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia għall-*acquis* tal-Unjoni sa issa fit-tlestija tal-Fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim. Dak il-pjan direzzjonali ġie approvat mill-Gvern tal-Georgia fid-Digriet nru 536 tal-31 ta' Marzu 2016 tal-Gvern tal-Georgia "Dwar il-bidliet ippjanati fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku previsti f'konformità mal-obbligi bejn il-Georgia u l-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA)" kif emendat mid-Digriet nru 154 tat-22 ta' Jannar 2018 u d-Digriet nru 974 tat-12 ta' Ġunju 2020 tal-Gvern tal-Georgia.

([1]) ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 26).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia tas-17 ta' Novembru 2014 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u ta' Sottokumitati [2015/2261] (ĠU L 321, 5.12.2015, p. 60).

(6) Wara r-rikonoxximent tat-tlestija tal-Fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa meħtieġ jieħu deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-regoli ta' proċedura tiegħu, stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia, dwar l-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq, f'konformità mal-Anness XVI-B tal-Ftehim, għall-provvisti għall-awtoritajiet tal-gvern ċentrali.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li d-deċiżjonijiet previsti jkunu vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ fir-rigward tal-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia, u tat-tlestija tal-Fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ ([4]).

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq f'konformità mal-Anness XVI-B tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ([4]).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([4]) Ara d-dokument ST 7791/21 hawnhekk: http://register.consilium.europa.eu